MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Numru. 520/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jeanne Farrugia]**

**vs**

**Eskif Mahmoud**

**Abtini Wisal**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Eskif Mahmoud u Abtini Wisal.

Akkuzati talli:

> Fis-6 ta' Mejju 2014 inziltu f'Malta minghajr passaport u minghajr ma taw lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-infomrazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li mehtieg.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat is-sitwazzjoni prezenti tal-imputat;

Rat li l-imputati, Eskif Mahmoud u Abtini Wisal ammettew l-akkuza kif dedotta kontrihom u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 28 u 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta ssibhom hatja u bl-applikazzjoni tal-Artikolu tal-28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet

ta' Malta tikkundannahom ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) kull wiehed.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputati, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------